MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 300/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fis-6 ta' Settembru, 2003.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici, ta’ Omissis u Omissisu tal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Settembru, 2003 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet ghalkemm notifikat u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi ghalkemm ipprezenta

affidavit li ghalih ma saritx opposizzjoni; f’dan l-affidavit essenzjalment jikkontesta xi affarijet li qalet l-attrici izda jaqbel illi z zwieg ghandu jigi dikjarat null; izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’ materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb b’eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (h) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun ivvizzjat minn nuqqas intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher illi dan iz-zwieg kien

ghall ahhar u bizzejjed wiehed josserva li falla wara ftit xhur – ezattament xahrejn. Jidher li ftit kien hemm preparazzjoni ghaz-zwieg ghalkemm il-partijiet kienu ilhom tlett snin johorgu flimkien. Pero' minhabba illi l-konvenut huwa Ghadwxi ma kienx hemm dak il-kuntatt bejniethom daqs li kieku t-tnejn kienu mill-istess gzira ghaliex naturalment il-konvenut kien jghaddi zmien notevoli hdejn il-familja tieghu u kien ikun Malta ghax-xoghol biss. Il-konvenut ammetta fl-affidavit tieghu illi qatt ma xtaq ikollu tfal u dan jaghti lok ghal annullament – ara s-sentenza Galea vs Walsh (Prim'Awla 1994). Il-Qorti ghalhekk jidrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-subartikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-6 ta' Settembru, 2003. L-ispejjes jithallsu mill-partijiet f'sehem ugwali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------